MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 708/2008

**Helen ID 520259M u Mario ID 519056M konjugi Grech**

**vs**

**Raymond Cauchi ID 170258M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li l-atturi ressqu TALBA biex il-konvenut jigi kundannat ihallashom is-somma komplessiva ta' elf, disa' mija u erbatax-il Ewro disgha u tlettin centezmi €1914.39 maghmula minn €1066.80 kont u konsum tad-dawl u ilma fil-fond nru 7, Atlantis Lodge, triq Paderborn, Bugibba mikri lilu mill-atturi u dana ghall-perijodu mit-18 ta' Gunju 2007 sal-15 ta' Mejju 2008, u minn €847.59c danni fil-fond imsemmi. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet.

**Ra** r-RISPOSTA fis-sens li l-kawza hi intempestiva ghax hu qatt ma gie nterpellat biex ihallas l-ammonti ndikati; inoltre l-ebda ammont mhu dovut.

**IL-PROVI**

A1 **<u>L-attrici Helen Grech</u>** qalet li hi u zewgha kellhom il-fond *de quo* ghall-bejgh, f'idejn Frank Salt izda sakemm jinstab il-bejgh il-post inkera lill-konvenut bil-kuntratt Dok HB2. Bhala Dok HB1 hi esibiet 5 ritratti tal-fond li kienu ttiehdu ghall-fini tal-bejgh.

2 Id-Dok HG2 isemmi *inter alia* kirja ta' sena (18.06.07 – 18.07.08), hlas LM140 fix-xahar pagabbli bil-quddiem, bil-hlas ta' dawl u ilma a kariku tal-inkwilin.

3 L-inkwilin attwalment telaq mill-fond fil-15 ta' Mejju 2008 u halla pendenti kont tad-dawl ta' €1066.88 waqt li meta dahal fil-fond xejn fir-rigward ma kien pendenti (Dok HG3). Bhala Dok HG4 giet esebita nota, firmata mill-attur u mill-konvenut, dwar *reading* li ttiehed meta l-konvenut halla l-fond. L-atturi hallsu kif muri fid-Dok HG5.

4 Fid-Dok HG4, datat 15.05.2008 hemm "I, Mr. James Ray Cauchi, ID no 140258M, shall pay all outstanding bill re above up to including today". Firmat mill-istess Cauchi.

5 Meta mar ghac-cavetta, zewgha sab il-hsarat elenkati fid-Dok HG6. Ix-xhud tghid li l-konvenut kien accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsarat. Wara sabu iktar hsarat.

B1 **<u>L-attur Mario Grech</u>** ikkonferma x-xhieda ta' martu. Qabel ressaq il-kawza kien kellem lill-konvenut u dan talbu zmien biex ihallas kontijiet ovvji, bhal dawl u ilma. Ikkonferma l-awtenticita tad-Dok MG li hu simili ghal dak li ga kienet esebiet martu, Dok HG4.

2 Wara li l-konvenut hareg mill-fond hu kien kellmu dwar il-hsarat murija fil-lista Dok HG 6. Zied jesibixxi bhala Dok HG 7 – 16 prospett dwar il-hsarat. Ir-ritratti ttiehdu minnu wara li l-konvenut kien telaq mill-post. Esebixxa wkoll ricevuti, Dok MG 2 sa 9. Semma kif ha hsieb li jzomm il-prezzijiet baxxi u fir-rigward esibixxi kwotazzjoni, Dok MG 10.

C1 **<u>Il-konvenut Raymond Cauchi</u>** qal li l-post kien urihulu Frank Salt u l-ghamara kienet fi stat accettabbli. Il-post kien umduz. L-atturi offrewlu li jizbghu izda hu qalilhom li ma kienx hemm ghalfejn. Meta dahal fil-post induna li l-umdita' bdiet taffettwa l-ghamara u l-bibien fil-ftuh u l-gheluq. Purtiera ccartet meta ppruvaw jahsluha.

2 Xi xhur wara li kien fil-post l-attur mar ma perit biex jara l-post bil-hsieb ta' rangar minhabba l-hsieb tal-bejgh li kellhom l-atturi. Fil-fatt hareg mill-post qabel iz-zmien biex l-atturi jkunu jistghu ikomplu bl-intenzjoni taghhom tal-bejgh tal-post.

3 Meta l-attur mar jigbor ic-cavetta, ra l-post nadif. Meta wasal il-kont tad-dawl u l-ilma ghaddieh lill-konvenut li "assuma" li hallsu. L-attur baghat ghalih biex ihallsu tal-ilma fi zmien tlett ijiem inkella jtellghu il-Qorti. Offrielu li jhallsu ftit ftit ghax ma kienx qed jahdem.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Il-konvenut beda biex qal li azzjoni odjerna hi ntempestiva "peress li l-konvenut qatt ma gie nterpellat biex ihallas". Din l-eccezzjoni titwaqqa mix-xhieda tal-konvenut stess li qal li meta hareg mill-post, u vverifikaw il-kont tad-dawl u l-ilma, l-atturi talbu l-hlas u heddu b'kawza. Dwar il-kont tad-dawl u l-ilma il-konvenut qatt ma cahad li kien debitur versu l-atturi. Fir-rigwrd hemm anke d-dok HG4 minnu firmat. Talba bil-fomm ghall-hlas hi bizzejjed.

2. Ta min iqis li l-konvenut hareg mill-post fil-<u>15 ta' Mejju 2008</u> mentri l-kawza giet intavolata fit-<u>22 ta' Settembru 2008.</u> L-atturi damu jithabtu biex jinnotifikaw lill-konvenut sa ma rnexxielhom jaghmlu dan fit-12 ta' Marzu 2009. Eventwalment il-konvenut xehed fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2010 u xorta baqa ma hallas xejn minn kont <u>inkontestat.</u>

3. Dwar il-hsarat li l-konvenut halla warajh, wiehed irid iqis li kerrej irid jaghmel uzu legittmu mill-haga mikrija u mhux responsabbli ghal dak it-tgharrieq li jirrizulta minn uzu legittmu. Hsarat u tgharrieq irragjonevoli huma hag'ohra.

4. Ta min jinnota li mid-dokumentazzjoni esibita jidher li l-atturi jaghmlu xogholhom sew u l-lista Dok HG 7 (*a fol* 45) ma turix hsarat jew thassir gej mill-*wear and tear* jew ghax il-kxaxen tal-ghamara jew il-bibien ma kienux jinfethu u jinghalqu sew minhabba l-umdita'.

5. Fir-rigward ta' din il-parti tat-talba, l-atturi qed jitolbu €847.59. It-TRIBUNAL ihoss li l-gdid hu dejjem ahjar minn dak li kien hemm qabel. Kienet x'kienet il-kondizzjoni tieghu qabel. Ghalhekk, anke gwidat minn principi ta' ekwita', it-TRIBUNAL iqis li ghandu jirriduci dan il-*quantum* ghal €550. B'ekwita' wiehed jifhem valutazzjoni ekwitativa lit hares lejn il-kwadru kollu tal-vertanza.

**DECIZJONI**

Meqjus dan kollu, it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) waqt li **jichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu inkonsistenti ma dak li ser jizdied jinghad (2) **jilqa** t-talba attrici limitatament ghall-*quantum* ta' €1616.80 u jikundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi elf, sitt mija u sittax il-Ewro u tmenin centezmi €1616.80 fi zmien tletin jum mil-lum b'dana li, fin-nuqqas jibda ghaddej l-imghax mill-31 jum 'l quddiem sal-jum tal-pagament u (3) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes tal-mandat mitluba u l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------